TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 572/10

**Salvatore Cascia**

**vs**

**RACA Ltd**

Illum 19 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsa u sittin ewro (€65), rappreżentanti prezz ta' *shorts* li kif libsu l-ewwel darba, dan ix-*shorts* tqatta'.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *shorts* mingħand id-ditta intimata u wara l-ewwel darba li libsu, dan ix-*shorts* tqatta'. Illi r-rikorrenti ħa x-*shorts* għat-tiswija, liema tiswija ma kinitx sodisfaċenti għalih.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi x-*shorts* tqatta' mhux minħabba xi difett fil-materjal, imma minħabba l-użu ħażin tal-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li spezzjona x-*shorts*, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija valida u korretta.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota li l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, m'attendiex għas-seduta, minkejja li ssottometta risposta bil-miktub għal din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi x-*shorts* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888